# QORTI   TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 15**

**Rikors numru 101/12 SM**

**Pauline Stafrace, Ludgarda sive Lucienne Bonavia, Maryanne Abela, Saverina Vella, George Cuschieri, Carmelo Cuschieri, Eman Cuschieri u Anton Cuschieri**

**v.**

**Renato Cuschieri, Joseph Cuschieri, u n-Nutar Pubbliku Henri J. Vassallo fil-kapacita` professjonali tieghu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-1 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi fil-5 ta' Novembru 2011 miet il-pensjonant Carmelo Cuschieri, detentur tal-karta tal-identita` numru 4521M, bin il-mejtin Joseph u Paola nee` Vella, li kien imwieled u joqghod Hal Qormi;

“2. Illi fl-ghaxra (10) ta’ Jannar 2011 sar testament quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Henri J. Vassallo fejn id-decujus Carmelo Cuschieri halla bhala eredi universali u proprjetarju assolut tal-gid kollu tieghu lil Renato Cuschieri;

“3. Illi f’zewg okkazjonijiet separati u fil-prezenza ta’ xhieda ohrajn, kif ser jigi ppruvat matul dawn il-proceduri, l-istess Nutar Pubbliku Dottor Henri J. Vassallo, kemm fit-8 ta’ Novembru 2011, kif ukoll, fid-9 ta’ Dicembru 2011, ikkonsenja u irrilaxxa f’idejn zewg legatarji qua rikorenti f’din il-kawza gudizzjarja, u cioe`, f’idejn Pauline Stafrace u Ludgarda sive Lucy Bonavia vera kopja tal-imsemmi testment pubbliku, liema vera kopja giet imlibbsa bis-solennita` u l-formalita` necessarja min-naha tal-imsemmi Nutar Pubbliku, bix-xhieda personali tieghu ‘*quad attestor*’, kemm ghall-kontenut awtentiku tat-testment pubbliku originali li verament sar fl-ghaxra (10) ta’ Jannar 2011 quddiemu stess;

“4. Illi sussegwentement, gie nnotat illi tali vera kopja ikkonsenjata u rrilaxxata f’idejn zewg legatarji qua rikorrenti f’din il-kawza gudizzjarja, u cioe`, f’idejn Pauline Stafrace u Ludgarda sive Lucy bonavia, li naturalment tirrifletti l-kontenut originali u awtentiku tat-testment originali, kienet ai finijiet u effetti tal-Ligijiet ta’ Malta, tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 40(d) tal-Att Dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivju Notarili, in kwantu l-istess testament pubbliku datat (10) ta’ Jannar 2011 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Henri J. Vassallo ma kkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-istess Att, minkejja li l-imsemmi decujus Carmelo Cuschieri ma kienx jaf jiffirma u fil-fatt ma ffirmax fuq l-imsemmi testament;

“5. Illi matul il-perkors taz-zmien, bdew johorgu wkoll fid-dawl tal-fatt u ta’ dritt numru ta’ irregolaritajiet ulterjuri li jimpingu fuq il-mod ta’ kif imxew l-affarijiet sabiex isir u jigi ppublikat dan it-testment, li wkoll juru u jistabbilixxu allura illi dan it-testment li sar fl-ghaxra (10) ta’ Jannar 2011 quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Henri J. Vassallo, kien wiehed li sar b’mod abbuziv, ghal kollox illegali u bin-nuqqas ta’ diligenza necessarja li wiehed jistenna kemm min-Nutar Pubbliku msemmi kif ukoll mill-partijiet li kienu prezenti dakinhar li sar u gie maghmul dan it-testment pubbliku, kif ser jigi gustament ippruvat matul il-perkors ta’ dawn il-proceduri;

“6. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet verbali u bil-miktub ukoll, u cioe`, permezz ta’ ittra ufficjali datata 14 ta’ Dicembru 2011, l-intimati baqghu ma ssanawx il-pozizzjoni taghhom billi resqu b’mod definittiv ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati, imhollija a favur taghhom mill-imsemmi decujus Carmelo Cuschieri li miet fil-5 ta’ Novembru 2011, u dana skond it-testment precedenti tieghu datat 6 ta’ Frar 2008, fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Thea Cachia, liema testment pubbliku illi ghandu jirregola s-successjoni tal-istess decujus Carmelo Cuschieri, tenut kont tal-irregolaritajiet

kollha li saru fit-testment pubbliku datat ghaxra (10) ta' Jannar 2011 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Henri J. Vassallo u l-ineffikaccja tieghu fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi gustament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

"7. Illi minhabba f'hekk, il-legatarji qua rikorrenti f'dawn il-proceduri, ormai qeghdin isofru pregudizzju kbir u unanimament bejniethom stante in-nuqqas ta' interess genwin da parti tal-intimati li jirregolaw il-pozizzjoni taghhom fid-dawl tal-Ligijiet ta' Malta, kellhom iressqu din il-kawza gudizzjarja.

"Ghaldaqstant, jghidu ghalxiex l-intimati m'ghandhiex lil din Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

"(a) Tiddikjara u Tikkonferma illi t-testment pubbliku tad-decujus Carmelo Cuschieri, li sar fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2011 minn Nutar Henri J. Vassallo huwa null u invalid fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex mhux biss jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 40(d) Dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili, u cioe`, il-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-imsemmi testment pubbliku ma jikkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-Artikolu 28(1)(k(v) tal-istess Att izda wkoll stante diversi nuqqasijiet ta' diligenza li iwasslu sabiex jirrendu null u invalidu tali testament pubbliku;

"(b) Sussegwentement, tordna illi jigi applikat solennement u b'mod ufficjali t-testment tan-Nutar Dottor Thea Cachia ossia it-testment pubbliku li sar fis-6 ta' Frar ta' 2008, billi tordna lil Reanto Cuschieri fil-kapacita` tieghu bhala eredi universali sabiex fi zmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi, jersaq ghall-immissjoni legali tal-pussess tal-legati kollha mhollija skond it-testment pubbliku tal-imsemmija Nutar Dottor Thea Cachia datat 6 ta' Frar 2008;

"(c) Taghti kull rimedju u/jew direttivi ulterjuri li huma xierqa u necessarji sabiex jigu protetti l-interessi tar-rikorrenti in kwantu ghall-infurzar u applikar tat-testment li ghandu jigi onorat u applikat, u cioe` t-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Thea Cachia datat 6 ta' Frar 2008, liema testament ghandu jirregola is-succejoni bejn il-partijiet interessati;

"Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru 2011 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet civili mill-intavolar u n-notifika tal-prezenti fuq l-ammonti kollha dovuti bhala legati."

Rat ir-risposta guramentata tan-Nutar Henri J. Vassallo tal-20 ta' Frar 2012, li permezz taghha gie eccepit:

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu huma diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes ghar-ragunijiet segwenti:

"1. Illi l-esponenti ghyandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri u peress illi lanqas ma hemm ebda wahda mit-talbiet li hija diretta fil-konfront tieghu.

"2. Illi in subsidio u bla pregudizzju ghal dak eccepiet it-testment pubbliku mill-eccipjenti fl-10 ta' Jannar 2011 huwa skond il-ligi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti. Illi ghalkemm originarjament kien inqala' malintiz peress illil meta inharget il-kopja dattilografata tal-att originali, attwalment kienu thallew barra, bi svista, il-kliem 'it-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib' dan l-izball kien migjub a konjizzjoni tar-rikorrenti, anke tramite l-avukati taghhom, presenti u passati, u fil-fatt kienet giet provduta kopja tal-att fl-original tieghu fil-kalligrafija tieghi, izda ciononostante r-rikorrenti baqghu jinsistu fl-allegazzjoni taghhom.

"3. Illi in kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi t-testment ma jikkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-artiklu 28[1][k][v] tal-Kap 55 tal-ligijiet ta' Malta tali allegazzjoni hija kompletament infondata kif jirrizulta mill-att originali stess.

"4. Illi huwa evidenti li t-talbiet tar-rikorrenti huma assolutament bla ebda bazi legali u l-agir taghhom jekwipara ma' agir malizzjuz, certament fil-konfront tieghi, u ghandu jigi censurat serjament minn din l-Onorabbli Qorti billi jien ufficjal pubbliku u l-insinwazzjonijiet kontra tieghi huma serji hafna.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Renato Cuschieri u ta' Joseph Cuschieri tal-20 ta' Frar, 2012, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi dak allegat mir-rikorenti huwa fattwalment u legalment skorrett, billi meta gie pubblikat it-testment pubbliku min-nutar Henri J. Vassallo, fil-10 ta' Jannar 2011, sar kollox skond il-ligi u ghalhekk ghandu jibqa' jitqies bhala validu u bhala t-testment li jirregola il-gid tad-decujus.

“2. Illi huma skorretti ir-rikorrenti f’dak li jghidu fil-premessi tar-rikors promotur taghhom u cioe` li l-esponenti baqghu siekta meta saret il-pretensjoni taghhom. Infatti hekk kif ir-rikorrenti ressqu il-pretensjonijiet taghhom, permezz tal-allura avukat taghhom, Dr Massimo Vella, l-esponenti immedjatament infurmawh illi tali pretensjonijiet tal-patrocinati tieghu kienu infondati – ara f’dan ir-rigward il-kopji tal-email tal-15 ta’ Dicembru 2011 u tal-ittra sussegwenti tal-28 ta’ Dicembru 2011 mibghuta mill-avukat sottofirmat lill-istess Avukat Massimo Vella. Imbaghad u sabiex jipperswadu lir-rikorrenti minn dak li kienu qed jghidu, l-esponenti baghtulhom kopja tat-testment, kif kien redatt, di proprio pugno, min-nutar, biex b’hekk juruhom li kollox kien sar regolari u skond il-ligi, izda r-rikorrenti ma riedux jisimghu u webbsu rashom u procedew bir-rikors promotur.

“3. Illi huwa evidenti li t-talbiet tar-rikorrenti huma assolutament bla ebda bazi legali u l-agir taghhom jekwipara ma’ agir malizzjuz fil-konfront tal-esponenti u ghandu jigi censurat minn din l-Onorabbli Qorti.

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta’ Novembru, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li filwaqt li rrespingiet it-talbiet kollha maghmula mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti, laqghet ir-risposti kollha tal-konvenuti u ddikjarat li l-operat tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo bhala ineccepibbli nonostante li inavvertitament l-ufficcju tieghu irrilaxxa kopja inezatta tat-testment *in dizamina.* Bl-ispejjez kontra l-atturi *in solidum*.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“10.0. Illi fl-essenzjalita` taghhom, il-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

“10.1. Illi fl-10 ta’ Jannar, 2011, in-Nutar Dottor Henri J. Vassallo irrediga testament ta’ Carmelo Cuschieri li eventwalment miet fil- 5 ta’ Novembru tal-istess sena;

“10.2. Illi n-Nutar *de quo* originarjament irrediga l-istess testament bil-kalligrafija tieghu fil-presenza ta’ zewg (2) xhieda, senjatament Mark Caruana Scicluna u Nicola Warrington, (ara foll 92, 98 u 108);

“10.3. Illi l-istess testament gie insinwat regolarment skont il-ligi fit-terminu preskritt, (ara foll 89);

“10.4. Illi meta whud mir-rikorrenti talbu kopja tal-imsemmi testment lin-nutar *de quo* dan ipprepara kopja dettilografata li pero` fiha, bi zvista, halla barra is-segwenti:

> “It-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib”, (ara foll 95 ipparagunata ma foll 8 A);

“10.5. Illi din id-diskrepanza inavvertitament tat lok ghad-dizgwit ezagerat riskontrat li eventwalment mhux biss wassal ghall-procedura odjerna, izda sfortunatament wassal ukoll ghall-uzu ta’ lingwagg inordinatament u indebitament iebes riskonstrat fir-rikors guramentat promotur, liema lingwagg mhux biss jirrizulta li hu goff, izda addirittura, li hu wkoll inutilment skontruz;

Ikkunsidrat:

“11. Illi minn ezami tax-xhieda rigwardanti ir-redazzjoni tat-testment tal-10 ta’ Jannar, 2011, fuq indikat, (ara foll 88 sa 102 u foll 108), ma jirrizulta assolutament xejn li fih din il-qorti ghandha b’xi mod tintervjeni;

“12. Illi li effettivament jirrizulta hu li tenut kont tal-fatt li n-nutar ikkoncernat kien diga` a konoxxenza tat-testatur Carmelo Cuschieri billi xi ghaxar (10) snin qabel kien ukoll irredigielu testment, dan jirrizulta li kien ben konxju tal-fatt li t-testatur *de quo* ma kienx jaf jaqra u jikteb, u allura aktar investa hin u sforz biex l-istess testatur verament jifhem dak li kien hemm qieghed jigri;

“13. Illi *di piu`*, kif obbligat, l-istess nutar insinwa t-testment *de quo* fit-terminu preskritt;

“Ikkunsidrat:

“14. Illi ghandu jkun pacifiku li d-dizgwid riskontrat jirrizulta mill-fatt li meta mitlub jirrilaxxa kopja tat-testment in dizamina lil uhud mir-rikorrenti, dan halla barra paragrafu krucjali rigwardanti id-dikjarazzjoni li t-testatur ma kienx jaf jaqra u jikteb, u li ghalhekk

kien ser jikkonferma li t-testment tieghu mhux b'firma izda b'salib kif fil-fatt ghamel, (ara foll 95);

"15. Illi ovvjament, bi ftit *buona fede* dan id-dizgwid kollu kien jigi evitat, izda sfortunatament dan m'avverax ruhhu;

"Ikkunsidrat:

"16. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li fl-agir tieghu in-nutar involut agixxa professjonalment, u ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn hi ghandha tiskarta l-volonta` tat-testatur Carmelo Cuschieri u tannulla t-testment tieghu tal-10 ta' Jannar, 2011, *stante* li r-rekwiziti kollha ghal testment regolari huma sodisfatti;

"17. Illi l-assenza ta' paragrafu f'kopja informali tat-testment *de quo* ma tammontax ghal raguni valida li fuqha ghandu jigi annullat testment li jesprimi l-volonta' libera u mhux imxekkla tat-testatur;

"Ikkunsidrat:

"18. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi kollha, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka fis-shih is-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru, 2014, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, fejn it-talbiet kollha taghhom gew respinti, l-agir tan-nutar kien meqjus professjonali u nghad li ma tezisti ebda raguni valida fil-ligi li tannulla t-testment ta' Carmelo Cuschieri tal-10 ta' Jannar, 2011, stante li r-rekwiziti kollha ghal testment regolari gew sodisfatti. Talbu li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kollha, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti kollha u tordna li ghandu japplika t-testment pubbliku tan-Nutar Dr. Thea Cachia tas-6 ta' Frar, 2008, bhala r-rieda ta' Carmelo Cuschieri u billi tordna wkoll lil Renato Cuschieri, bhala eredi universali tal-istess, sabiex fi zmien qasir

u perentorju jersaq ghall-immissjoni legali tal-pussess tal-legati kollha mhollija skont it-testment pubbliku tal-imsemmija Nutar Dr. Thea Cachia.

Rat ir-risposta tal-appellat Renato Cuschieri li permezz taghha talab li l-appell intavolat mill-appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti u b'hekk it-talbiet attrici jigu michuda, u konsegwentement tigi kkonfermata s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Rat ir-risposta tal-appellat Joseph Cuschieri li permezz taghha talab li din il-Qorti tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez tal-ewwel istanza, kif gja decizi mill-ewwel Qorti u dawk ta' dan l-appell kontra l-atturi appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell tan-Nutar Henri J. Vassallo li permezz taghha ssottometta li l-appell intavolat mill-atturi ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawza mressqa mill-atturi li jigu n-neputijiet tat-testatur Carmelo Cuschieri, qeghdin jippretendu li t-testment maghmul mill-istess Carmelo Cuschieri fl-10 ta' Jannar, 2011, quddiem in-Nutar Pubbliku, Dr. Henri J. Vassallo, jigi dikjarat bhala null u bla effett. Dana peress li jikkontendu li t-testment li sar ma jikkonformax mar-rekwiziti tal-provvediment tal-ligi, skont l-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili (Kap.55 tal-Ligijiet ta' Malta), minkejja li t-testatur ma kienx jaf jiffirma u jmur kontra l-provvediment tal-Artikolu 40 (d) tal-istess ligi. Kwindi jitolbu li (i) t-testment pubbliku tad-decujus Carmelo Cuschieri tal-10 ta' Jannar, 2011, fl-atti tan-Nutar Dr. Henri J. Vassallo jigi dikjarat null u invalidu peress li ma jikkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-ligi; (ii) tordna li jigi applikat it-testment pubbliku tas-6 ta' Frar, 2008, fl-atti tan-Nutar Dr. Thea Cachia, bhala r-rieda ta' Carmelo Cuschieri u billi tordna wkoll lil Renato Cuschieri, bhala eredi universali tal-istess, sabiex fi zmien qasir u perentorju jersaq ghall-immissjoni legali tal-pussess tal-legati kollha mhollija skont l-imsemmi testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Thea Cachia; (iii) taghti kull rimedju u/jew direttivi ulterjuri xierqa sabiex jigu protetti l-interessi tal-atturi u li jigi onorat u applikat it-testment fl-atti tan-Nutar Dr. Thea Cachia tas-6 ta' Frar, 2008, li ghandu jirregola s-successjoni bejn il-partijiet interessati.

Il-konvenut appellat Nutar Henri J. Vassallo wiegeb ghat-talbiet attrici fis-sens li eccepixxa li (i) ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'ghandux *locus standi* stante li ebda wahda mit-talbiet attrici ma hija diretta fil-konfront tieghu; (ii) it-testment pubbliku tal-10 ta' Jannar, 2011, sar skont il-ligi u l-malintiz inqala' peress li fil-kopja dattilografata tal-att originali kienu thallew barra bi zvista l-kliem "*it-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib*", liema zball kien ingieb a konjizzjoni tal-atturi; (iii) jichad bhala nfondata l-allegazzjoni attrici li t-testment ma jikkonformax mar-rekwiziti tal-Artikolu 28 (1) (k) (v) tal-Kap. 55; (iv) huwa evidenti li t-talbiet attrici huma bla ebda bazi legali u l-agir taghhom jekwipara ma' agir malizzjuz fil-konfront tieghu; (v) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenuti Renato u Joseph Cuschieri eccepew illi (i) t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bhala fattwalment u legalment skorretti peress li t-testment pubbliku tal-10 ta' Jannar, 2011, fl-atti tan-Nutar Henri J. Vassallo sar skont il-ligi u ghalhekk ghandu jibqa' jitqies validu; (ii) ghalkemm l-atturi nghataw kopja tat-testment, kif redatt min-nutar *di proprio pugno,* biex juruhom li kollox sar b'mod regolari u skont il-ligi, l-atturi baqghu jwebbsu rashom u ipprocedew bir-rikors promotur; (iii) huwa evidenti li t-talbiet attrici huma assolutament bla ebda bazi legali u l-agir taghhom huwa wiehed malizzjuz li ghandu jigi ccensurat mill-Qorti; (iv) salv eccezzjonijiet ohra.

L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fis-sens li filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talbiet attrici u ddikjarat l-operat tan-Nutar Dottor Henri J. Vassallo bhala ineccepibbli nonostante li inavvertitament l-ufficcju tieghu irrilaxxa kopja inezatta tat-testment *in dizamina.* Bl-ispejjez kontra l-atturi *in solidum.*

L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-atturi appellanti jelenkaw zewg aggravji principali, cioè li (1) fit-testment in kwistjoni ma kienx hemm il-kliem li tesigi l-ligi li t-testatur ma jafx jiffirma u li ghalhekk kien qieghed jaghmel salib u (2) in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tapplika l-provvediment tal-ligi, senjatament l-Artikolu 40 (d) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu t-testment in kwistjoni ma kkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-Artikolu 28 (1) (k) (v) tal-istess Att. Madankollu jissemmew ukoll, dak li l-appellanti jsejhu bhala rregolaritajiet li sehhew, li wasslu ghal ksur tad-disposizzjonjiet tal-ligi li gabu fis-sehh in-nullità assoluta tat-testment ta' Carmelo Cuschieri tal-10 ta' Jannar, 2011, fl-atti tan-Nutar Dr. Henri J. Vassallo.

Ghandu jinghad mal-ewwel li l-Qrati huma marbutin li jiddeciedu l-kawzi quddiemhom limitatament fl-ambitu tat-talbiet imressqa, peress li kif gustament gie rilevat diversi drabi:

> “*Il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed*” - **(Vol. XXXIX i. 243).**

Maghmul dan il-punt imiss li jigi trattat l-ewwel aggravju, fejn l-atturi appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-fatt li mill-provi rrizulta li f’zewg istanzi separati nghataw zewg kopji dattilografati u ccertifikati min-Nutar Vassallo bhala vera kopji tal-original u fil-kopji, d-dikjarazzjoni li t-testatur ma jafx jikteb ma tirrizultax.

Dan l-aggravju tal-appellanti huwa ghal kwantu fieragh, peress li kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, ghalkemm in-Nutar Vassallo zbalja meta ccertifika l-kopja dattilografata tat-testment bhala vera kopja tal-original, minghajr ma vverifika b’mod akkurat li l-kopji kienu attwalment jirrispekkjaw l-original, però dan l-izball ma jfissirx li t-testment in kontestazzjoni huwa null. L-ezami li jrid isir tat-testment dwar jekk gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-ligi huwa dak originali mhux il-kopji. Minn qari tas-sentenza (paragrafi 10 sa 14 tas-sentenza) jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezami, u meta din il-Qorti rat mill-gdid il-kopja fotostatika tat-testment originarjament redatt min-nutar, (fol. 95 tal-process) esebit mill-istess nutar waqt ix-xhieda tieghu u tinsab sodisfatta li tabilhaqq tirrizulta d-dikjarazzjoni mitluba fis-sens li “*It-testatur jiddikjara li ma jafx jiffirma izda jaghmel biss salib.*”

Tabilhaqq l-importanza ta' dan il-kliem huwa fil-mument li jigi ppubblikat it-testment u ghalhekk jinghad li biex wiehed jara jekk il-provvedimenti tal-ligi gewx rispettati jew le, wiehed ghandu jara t-testment originali kif redatt min-nutar *a tempo vergine* u mhux il-kopji dattilografati attestati bhala vera kopji mahruga sussegwentement. Il-fatt li n-nutar hareg kopji dattilografati tat-testment attestati minnu bhala vera kopja tal-original, ma jfissirx li s-successjoni tad-decujus hija regolata minn dawk il-kopji. Kwindi kwalsiasi nuqqas procedurali f'att pubbliku ghandu jirrizulta mill-att originali u l-argument li nuqqas fil-kopja dattilografata certifikata bhala vera kopja tal-original min-nutar ghandu jrendi t-testment originali null, huwa tassew inkoncepibbli, peress li dak li jorbot huwa l-forma u s-sustanza tat-testment originali. Il-mistoqsijiet u l-alluzjonijiet li jaghmlu atturi appellanti fid-diversi punti relativi ghall-kopji mahruga min-nutar huma kollha kongetturali fid-dawl tar-rizultanzi tal-prova kardinali in atti, senjatament il-kopja fotostatika tat-testment originali redatt min-nutar. L-awtenticità ta' dan it-testment (Dok. HV 1 a fol. 92 *et seq* tal-process) giet ikkonfermata mhux biss min-nutar li rredigieh, izda wkoll miz-zewg xhieda li kkonfermaw kemm il-firem taghhom, kif ukoll il-kontenut tieghu. Ix-xhieda zgur li ma kellhom ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri, kwindi ghandu jinghata piz lix-xhieda taghhom.

Isegwi li dan l-ewwel aggravju ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Permezz tat-tieni aggravju, l-atturi appellanti jilmentaw dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tapplika d-disposizzjoni tal-ligi, senjatament l-Artikolu 40(d) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu t-testment in kwistjoni ma kkonformax mar-rekwiziti preskritti mill-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-istess Att. Isostnu li l-ewwel Qorti skartat il-ligi meta kklassifikat il-kaz bhala zball li jista' jsir.

Ghandu jinghad li kif gustament osservat mill-konvenut appellat, Renato Cuschieri, fir-risposta tieghu, huwa ritenut li l-appellant jiccita l-Artikolu 40(d) tal-Kap. 55 bi zball. Dan peress li l-imsemmi artikolu jipprovdi:

> *"40. (1) Att nutarili hu null:*
>
> *(d) jekk ikun magħmul bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(a), (ċ)(i), (ċ)(ii), u (d):*
>
> *Iżda, jekk il-ksur jirreferi biss għal parti waħda jew iktar tal-att, dik il-parti jew partijiet biss ikunu nulli:*
>
> *Iżda wkoll, il-ksur tal-artikolu 12(ċ)(i) jew (ii) għandu jimplika biss in-nullità tad-dispożizzjoni msemmija f'dawk is-subparagrafi;"*

Dan meta l-Artikolu 12 imsemmi fis-subinciz 40(1)(d) tal-Kap. 55 jitratta dwar atti li ma jistax jircievi nutar, kwindi ma jitqiesx li l-Artikolu 40(1)(d) huwa relevanti ghall-kaz in ezami, mentri l-ilmenti tal-atturi appellanti huma strettament dawk marbuta mal-Artikolu 28(1)(k)(v), li jissemma fis-subinciz (e), tal-Artikolu 40(1), fejn jinghad li att nutarili hu null:

> *"(e) jekk il-ħtiġiet tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa:…"*

L-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivju Notarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta) invokat mill-attrici jipprovdi li:

> *"28. (1) Kull att notarili ghandu jkun fih:*
>
> *(k)… (v)jekk xi wieħed mill-komparenti jew xi wieħed mill-fidem facientes ma jkunux jafu jew ma jkunux jistgħu jiffirmaw, huma għandhom jiddikjaraw x'inhu li jkun iżommhom milli jiffirmaw, u n-nutar għandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jiġi iffirmat;"*

Issa kif osservat taht l-ewwel aggravju, jirrizulta li din il-formalità kienet debitament osservata min-nutar meta rrediega it-testment in kwistjoni. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kkonkludiet li "*r-rekwiziti kollha ghal testment regolari huma sodisfatti."* Kwindi altru milli l-ewwel Qorti skartat il-provvedimenti tal-ligi. Il-fatt li l-ewwel Qorti rriskontrat l-izball tan-nutar meta ccertifika l-kopja dattilografata tat-testment bhala vera kopja tal-original, lanqas ma jfisser li kien ikun accettabbli ghall-Qorti li kieku tali dikjarazzjoni kienet tkun nieqsa mit-testment originali.

Madankollu, din il-Qorti tosserva wkoll li recentement ezaminat dawn il-provvedimenti tal-ligi f'sentenza ohra taghha tas-27 ta' Settembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Evelyn Farrugia v. Doris Catania et:**

> *"Izda kif gustament osservat mill-ewwel Qorti dan il-provvediment tal-ligi jrid jigi ezaminat fil-kuntest ta' provvedimenti ohra fl-istess ligi, senjatament l-Artikolu 40(1)(e) tal-Kap.55 li jipprovdi li l-att nutarili jkun null jekk il-htigijiet ta' diversi artikoli, fosthom l-Artikolu 28(1)(k) ma jkunux gew imharsa. Madankollu l-Artikolu 40(3) jipprovdi*

> *wkoll li ma tista' tittiehed ebda azzjoni biex att li ghandu wiehed mid-difetti msemmija inter alia fis-subartikolu (1)(e) jigi dikjarat null, hlief fuq talba ta' wahda mill-partijiet.*
>
> *Din il-Qorti zzid li huwa relevanti wkoll l-Artikolu 25 tal-Kap. 55 li jipprovdi l-formalitajiet mehtiega ad validatem tal-atti notarili. Ghandu jinghad li l-imsemmi artikolu jaghti definizzjoni ta' "parti", li f'kaz ta' testment jinghad li huwa t-testatur. Certament kif inghad mill-ewwel Qorti, l-attrici ma kenitx parti fit-testment u ghalhekk hija ma tistax timpunjah. Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 25 jesigi l-prezenza ta' zewg xhieda, inter alia fil-kaz ta' testmenti pubblici, liema fattur ma jirrizultax li huwa kontestat fil-kawza odjerna."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz hadd mill-atturi appellanti ma huwa t-testatur u ghalhekk ma jikkwalifikawx bhala parti li tista' tattakka t-testment a bazi tal-Artikolu 40(1)(d) jew (e). Fi kwalunkwè kaz, kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taht l-ewwel aggravju, it-testment in ezami osserva l-provvediment tal-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55. Kwindi lanqas dan it-tieni aggravju tal-atturi appellanti ma jista' jirnexxi.

Trattati l-aggravji msemmija espressament mill-atturi appellanti jmiss li jigu ndirizzati xi punti ohra mqanqla minnhom mhux bhala aggravji *per se,* izda lmenti li jimmeritaw li jigu ndirizzati. Fost l-irregolaritajiet li jissemmew mill-atturi appellanti huwa l-fatt li wiehed mix-xhieda li serviet *ad validatem* fit-testment pubbliku rreferiet ghal dan l-att bhala "kuntratt" u mhux testment li jinghad li jixhed it-tahwid li fih it-testatur ghamel it-testment tieghu. Dan l-argument huwa wkoll al kwantu fieragh peress li xhud li ma jkunx persuna legali mhux mistenni li jaghmel distinzjoni bejn l-atti differenti li jippubblika nutar.

Hekk ukoll sa fejn l-atturi appellanti jilmentaw mill-irregolaritajiet fil-kuntest tal-mod kif sar it-testment min-nutar ai termini tal-Artikolu 605 tal-Kodici Civili, li jitratta persuni li mhumiex denji li jircievu b'testment u sa fejn l-atturi appellanti jalludu ghas-sahha mentali u fizika tat-testatur, tabilhaqq jinghad li l-azzjoni attrici ma kenitx imsejsa fuq in-nuqqas ta' kapacita' mentali tat-testatur jew li t-testment sar b'qerq jew vjolenza. Kwindi l-insinwazzjonijiet tal-atturi dwar is-setgha ta' dominju li kellu l-konvenut Renato Cuschieri u l-pressjoni li kien jaghmel fuq it-testatur, li jinghad kien jibza' minn Renato, mhumiex relevanti ghall-kawza in ezami. Kif inghad qabel, din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi a bazi tal-premessi u t-talbiet maghmula mill-atturi fir-rikors promotur. Inoltrè, ghalkemm saru xi allegazzjonijiet, lanqas tressqu provi f'dan is-sens (bhal per ezempju, certifikat mediku li seta' jqanqal dubju dwar l-istat tas-sahha mentali tat-testatur). Fi kwalunkwè kaz, b'risposta ghall-mistoqsija maghmula mill-atturi appellanti, tajjeb li jinghad li nutar m'ghandu ebda htiega li jqabbad tabib sabiex jiccertifika l-istat ta' sahha, fizika jew mentali tat-testatur, sakemm l-istess nutar ma jkollux dubju dwar il-kapacità mentali tal-istess testatur, altrimenti n-nutar jista' jibqa' ghaddej bil-pubblikazzjoni tat-testment.

In kwantu ghall-prezenza tal-konvenuti Renato Cuschieri, eredi universali u ta' Joseph Cuschieri bhala legatarju, waqt il-pubblikazzjoni u l-qari tat-

testment in kwistjoni, kif ukoll dwar il-bicca karta mghoddija lin-nutar minn Renato Cuschieri, ghalkemm mhux soltu li eredi jkun prezenti waqt il-pubblikazzjoni u qari ta' testment, dan il-fatt fih innifsu, ma jxejjinx il-volontà tat-testatur. Li huwa importanti huwa li meta n-nutar ikun qieghed jirredigi t-testment, li jaccerta ruhu li t-testatur irid u jifhem dak li jkun qieghed jitnizzel. F'dan il-kaz fit-testment esebit in atti jinghad li "*Dana t-testment gie minni maghmul, moqri u ippubblikat wara li spjegajt il-kontenut tieghu lit-testatur…*" (fol. 94 u 95 tal-process) Din il-frazi fundamentali ma gietx kontrastata da parti tal-atturi appellanti, in kwantu ma tressqu ebda provi li jikkuntrastaw tali dikjarazzjoni (lanqas saru mistoqsijiet lin-nutar jew lix-xhieda dwar dak li sehh waqt li l-pubblikazzjoni u qari tat-testment). Hekk ukoll din il-Qorti ma tirriskontra ebda anomalija bil-fatt li n-nutar jinghata notamenti dwar dak li xtaq it-testatur li jinghad fit-testment, irrelevanti min ikun kitibhom, basta li n-nutar jaghmel il-verifiki opportuni li tali notamenti tabilhaqq jirriflettu r-rieda tat-testatur, qabel jigi ppubblikat tali testament. Hawn ukoll ma tirrizulta li saret ebda mistoqsija lin-Nutar Vassallo jew lix-xhieda dwar dan.

Dawn l-ilmenti u mistoqsijiet imressqa mill-atturi appellanti huma biss kongetturali in kwantu la jifformaw parti mill-kawzali jew talbiet attrici u wisq anqas jinsabu korroborati minn terzi persuni li m'ghandhom ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-appell tal-atturi qieghed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellanti *in solidum* bejniethom. Billi jidher car li dan l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap.12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-konvenuti appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr